



7.9.2015

0040/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-istabbiliment ta' limiti massimi fuq il-kontenut ta' sustanzi intossikanti għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur

Patricija Šulin (PPE), Dubravka Šuica (PPE), Siegfried Mureşan (PPE), Kinga Gál (PPE), Nicola Caputo (S&D), Wim van de Camp (PPE), Esther de Lange (PPE), Tomáš Zdechovský (PPE), Nuno Melo (PPE), Claudia Tapardel (S&D), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Petri Sarvamaa (PPE), Eduard Kukan (PPE), Csaba Sógor (PPE)

Data ta' skadenza: 7.12.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-istabbiliment ta' limiti massimi fuq il-kontenut ta' sustanzi intossikanti għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur¹

1. Minbarra l-alkoħol, is-sewqan taħt l-influwenza ta' sustanzi intossikanti oħra huwa problema li kulma jmur qed tikber u huwa theddida għas-sikurezza stradali. Filwaqt li l-Istati Membri stabbilixxew limiti massimi fuq il-kontenut tal-alkoħol fid-demm għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, dan mhux il-każ għas-sustanzi intossikanti, minkejja l-fatt li fl-2003 l-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-impatt tal-użu ta' sustanzi psikoattivi fuq l-inċidenti stradali (Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar "combating the impact of psychoactive substances use on road accidents" (il-ġlieda kontra l-impatt tal-użu ta' sustanzi psikoattivi fuq l-inċidenti stradali) (2004/C 97/01)).
2. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mitluba jinkoraġġixxu lill-Istati Membri sabiex fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jintroduċu limiti massimi fuq is-sustanzi intossikanti għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur, jivverifikaw jekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-2003 dwar l-influwenza ta' sustanzi intossikanti fuq is-sewqan għadhomx konformi mal-għarfien xjentifiku l-iktar reċenti u, jekk ikun xieraq, jaġġornawhom.
3. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.